MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 826/2006

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Mary Cefai**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' tletin elf, seba' mija u tletin lira u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm30,730.87) – daqs wieħed u sebgħin elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€71,583.67) – bilanċ ta' self lill-konvenuta, flimkien ma' l-imgħaxijiet mill-25 t'Awissu 2006 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Frar 2005.
B'nota tad-29 ta' Settembru 2008 il-konvenuta ammettiet it-talbiet tas-soċjetà attriċi.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża fuq ammissjoni tal-konvenuta u tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi wieħed u sebgħin elf, ħames mija u tlieta u

tmenin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€71,583.67) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba mill-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------